II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' April 2009

li jemenda d-Deċiżjoni 2007/131/KE dwar il-permess ta' użu tal-ispektrum ta' frekwenzi tar-radju, għal apparat li juża teknoloġija ultra-wideband b'mod armonizzat fil-Komunità

(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 2787)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/343/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju għall-politika dwar l-ispettru tar-radju fil-Komunità Ewropea (Deċiżjoni dwar l-Ispettru tar-Radju) [1], u partikolarment l-Artikolu 4(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/131/KE tal-21 ta' Frar 2007 dwar il permess ta' użu tal-ispektrum ta' frekwenzi tar-radju għal apparat li juża teknoloġija ultra-wideband b'mod armonizzat fil-Komunità [2] tarmonizza l-kundizzjonijiet tekniċi għal appartat tar-radju li juża tekonoliġija ultra-wideband (firxa ultra-wiesgħa) fil-Komunità, biex tiżgura li l-ispektrum tal-frekwenzi tar-radju jkun disponibbli madwar l-Ewropa skont il-kundizzjonijiet armonizzati, li jneħħu l-ostakli għall-adozzjoni tat-teknoloġija ultra-wideband u li joħolqu suq wieħed effettiv għat-tali sistemi bir-riżultat ta' ekonomiji ta' skala u ta' benefiċċji għall-konsumatur.

(2) Jeħtieġ li l-bidliet mgħaġġla fit-teknoloġija u fl-użu tal-ispektrum ta' frekwenzi tar-radju jkunu riflessi b'mod adegwat fir-regolazzjoni tat-teknoloġija ultra-wide band, sabiex is-soċjetà Ewropea tibbenefika mill-introduzzjoni ta' applikazzjonijiet innovattivi bbażati fuq din it-tekonoloġija, filwaqt li jiżguraw li utenti oħra tal-ispektrum ma jkunux affettwati ħażin. Għalhekk id-Deċiżjoni 2007/131/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(3) Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni, skont id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE, ħarġet mandati addizzjonali lill-Konferenza Ewropea tal-Amministrazzjonijiet Postali u tat-Telekomunikazzjonijiet (CEPT), biex twettaq aktar studji ta' kompatibbiltà tat-teknoloġija ultra-wideband mas-servizzi tar-radjutelekomunikazzjoni.

(4) Fir-rapport tagħha mibgħut bi tweġiba għal dawn il-mandati, is-CEPT lill-Kummissjoni tatha parir biex temenda għadd ta' aspetti tekniċi fl-Anness għad-Deċiżjoni 2007/131/KE.

(5) L-istudji addizzjonali mis-CEPT iċċaraw il-kundizzjonijiet tekniċi li taħthom, tekniki speċifiċi tat-taffija tar-riskju, notevolment Rilevament u Evitar (Detect and Avoid, DAA) u Ċiklu ta' Ħidma Baxxa (Low Duty Cycle, LDC), jippermettu li l-apparat ultra-wideband jithaddem b'kapaċitajiet ta' trażmissjoni aħjar filwaqt li joffru protezzjoni ekwivalenti komparabbli mal-limiti ġeneriċi ultra-wideband eżistenti.

(6) L-istudji tas-CEPT urew ukoll li l-apparat ultra-wide band jista' jintuża wkoll taħt kundizzjonijiet iktar stretti millimiti ġeneriċi f'vetturi tat-triq u ferrovjarji. Tali kundizzjonijiet jistgħu ikunu inqas stretti sakemm it-tekniki ta' taffija, bħal dawk imsemmija hawn fuq, jintużaw f'dawn il vetturi.

[1] ĠU L 108, 24.4.2002, p. 1.
[2] ĠU L 55, 23.2.2007, p. 33. Edizzjoni Speċjali bil-Malti ĠU L 219M, 24.8.2007, p. 282.

(7) Is-sistemi ta' teħid ta' immaġini tal-Analiżi tal-Materjal tal-Bini (Building Material Analysis, BMA) jistgħu jipprovdu għadd ta' applikazzjonijiet li jirrilevaw jew jieħdu immaġini ta' pajpijiet, wajers u strutturi oħra fil-ħitan f'bini residenzjali u kummerċjali. Sett komuni tal-kundizzjonijiet ta' aċċess tal-ispektrum għall-apparat tal-BMA għandhom jgħinu lil dawk l-impriżi li jridu jipprovdu servizzi professjonali relatati bl-użu ta' dawn l-applikazzjonijiet madwar il-konfini tal-Komunità.

(8) Is-CEPT għarrfet lill-Kummissjoni li għandu jkun possibbli li jintużaw limiti ġeneriċi inqas stretti għas-sistemi tal-BMA, sakemm il-modi tat-tħaddim tagħhom, flimkien mad-densitajiet ta' użu baxxi ħafna u fatturi ta' attività tagħhom, inaqqsu iktar il-possibbiltà ta' interferenza li tagħmel il-ħsara lis-servizzi ta' radjukomunikazzjoni.

(9) L-istudji tekniċi tas-CEPT skont mandati tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjonijiet tal-BMA jassumu li l-użu fi strutturi li huma densi u ħoxnin biżżejjed biex jassorbu ħafna mis-sinjali trażmessi mis-sistema ta' immaġini. Dawn l-istudji ta' kompatibilità jinkludu, fost l-oħrajn il-presuppost li l-apparat tal-BMA għandu jwaqqaf it-trażmissjoni f'għaxar sekondi mill-interuzzjoni tat-tħaddim normali. Barra minn hekk, għalkemm it-tagħmir tal-BMA jistgħu wkoll jinbiegħu bħala prodott tal-konsumatur, huwa presuppost li densità massima ta' 6,7 unitajiet/km^2 tintuża fl-istudji dwar l-interferenza totali.

(10) Skont id-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1999 dwar apparat tar-radju u apparat terminali ta' telekomunikazzjonijiet u r-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom [1] (id-Direttiva R&TTE), il-Kummissjoni Ewropea ħarġet mandati (M/329 u M/407) lill-organizzazzjonijiet Ewropej għall-istandardizzar sabiex jistabbilixxu sett ta' standards armonizzati li jkopru l-applikazzjonijiet ultra-wideband li jkunu rikonoxxuti taħt din id-Direttiva, u li jwasslu għal preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti tagħha. Bħala risposta għall-mandati M/329 u M/407 mill-KE, l-ETSI (L-Istitut Ewropew tal-Istandards fit-Telekomunikazzjoni) żviluppa l-Istandard Armonizzat EN 302 065 għal apparat UWB (ultra-wideband), l-Istandard Armonizzat EN 302 500 għal apparat ta' Lokazzjoni u Traċċar u EN 302 435 għal apparat tal-BMA.

(11) L-Istandards Armonizzati rispettivi jiddeskrivu fid-dettall kif għandu jaħdem l-apparat li jopera f'firxiet ta' frekwenzi allokati b'din id-Deċiżjoni u kif dan l-apparat jista' jiġi ttestjat għall-konformità mal-limiti msemmija fl-Istandards Armonizzati.

(12) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ispektrum ta' frekwenzi tar-Radju.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2007/131/KE hija emendata kif ġej:

1. L-Anness għad-Deċiżjoni 2007/131/KE għandu jinbidel bl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

2. Fl-Artikolu 2, għandhom jiżdiedu l-paragrafi 10 u 11 li ġejjin:

"10. 'Analiżi tal-Materjal tal-Bini' (BMA) tfisser senser ta' disturb tal-kamp iddisinnjat biex jillokalizza oġġetti fl-istruttura tal-bini jew biex jiddetermina l-karatteristiċi fiżiċi tal-materjal tal-bini;

11. 'irradjat fl-arja' tfisser dawk il-partijiet tas-sinjal maħruġa minn applikazzjonijiet speċifiċi tat-teknoloġija ultra-wideband li mhumiex assorbiti bl-ilqugħ għalihom jew bil-materjal li qed jiġi investigat."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mit-30 ta' Ġunju 2009.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 21 ta' April 2009.

Għall-Kummissjoni
Viviane REDING
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 91, 7.4.1999, p. 10.

ANNESS

"ANNESS

E.I.R.P (Potenza isotropika rradjata ekwivalenti) massima. Tekniki ta' Taffija Xierqa

1. UŻU ĠENERIKU TAL-UWB

1.1. **Densitajiet massimi tal-e.i.r.p**

Firxa ta' Frekwenzi (GHz)	Densità ta' e.i.r.p. ta' medja massima (dBm/MHz)	Massimu tal-ogħla densità tal-e.i.r.p. (dBm/50MHz)
Anqas minn 1,6	– 90,0	– 50,0
1,6 sa 2,7	– 85,0	– 45,0
2,7 sa 3,4	– 70,0	– 36,0
3,4 sa 3,8	– 80,0	– 40,0
3,8 sa 4,2	– 70,0	– 30,0
4,2 sa 4,8	– 41,3 (*sal-31 ta' Diċembru 2010*) – 70,0 (*wara l-31 ta' Diċembru 2010*)	0,0 (*sal-31 ta' Diċembru 2010*) – 30,0 (*wara l-31 ta' Diċembru 2010*)
4,8 sa 6,0	– 70,0	– 30,0
6,0 sa 8,5	– 41,3	0,0
8,5 sa 10,6	– 65,0	– 25,0
'il fuq minn 10,6	– 85,0	– 45,0

1.2. **Tekniki ta' taffija xierqa**

Apparat li juża' t-teknoloġija ultra-wideband jista' jkun awtorizzat li juża l-ispektrum ta' frekwenzi tar-radju b'limiti ta' e.i.r.p. ogħla minn dawk li hemm fit-tabella fit-taqsima 1.1, meta jiġu applikati tekniki ta' taffija oħra barra minn dawk fl-Istandards Armonizzati adottati taħt id-Direttiva 1999/5/KE jew tekniki ta' taffija oħra bil-kundizzjoni li jilħaq tal-anqas livell ta' protezzjoni ekwivalenti għal dak provdut mil-limiti tat-tabella fil-punt 1.1. Huwa preżunt li t-tekniki ta' taffija li ġejjin jipprovdu tali protezzjoni:

1.2.1. *Taffija ta' 'Ċiklu ta' ħidma baxxa' (LDC)*

Medja massima ta' densità tal-e.i.r.p. ta' -41,3 dBm/MHz u quċċata massima e.i.r.p ta' 0 dBm mkejla f'50 MHz għandha tkun awtorizzata fil-firxiet ta' 3,1-4,8 GHz sakemm tiġi applikata restrizzjoni hija applikata fejn is-somma tas-sinjali kollha trażmessi tkun anqas minn 5 % tal-ħin kull sekonda u anqas minn 0.5 % tal-ħin kull siegħa, u sakemm kull sinjal trażmess ma jaqbiżx il-5 millisekondi.

1.2.2. *Taffija ta' 'Rilevament u Evitar' (DAA)*

Medja massima ta' densità tal-e.i.r.p ta' - 41,3 dBm/Mhz u e.i.r.p ta' quċċata massima ta' 0 dBm mkejla f'50 MHz għandh tkun awtorizzata fil-firxiet ta' 3,1-4,8 u 8,5-9,0 GHz sakemm tintuża teknika ta' Rilevament u Evitar (DAA) kif deskritta fl-Istandards Armonizzati rilevanti adottati skont id-Direttiva 1999/5/KE.

1.3. **It-tħaddim tal-apparat li juża teknolġiji ultra-wideband f'vetturi tat-triq u ferrovjarji**

B'deroga mill-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni, l-użu ta' apparat ultra-wideband għandu jiġi awtorizzat ukoll f'vetturi fit-triq u ferrovjarji meta jkun f'konformità mal-parametri li ġejjin.

1.3.1. *Densità massima tal-e.i.r.p. għat-tħaddim tal-apparat li juża teknoloġiji ultra-wideband f'vetturi tat-triq u ferrovjarji*

Apparat li juża teknoloġija ultra-wideband f'vetturi tat-triq u ferrovjarji għandu jkun awtorizzat li juża l-ispektrum tar-radju bil-limit tal-e.i.r.p. mogħtija fit-Taqsima 1.1 sakemm jiġu applikati għall-firxiet 4,2-4,8 GHz u 6,0-8,5 GHz il-parametri li ġejjin:

Firxa ta' Frekwenzi (GHz)		Massimu tad-densità medja tal-e.i.r.p. (dBm/MHz)
4,2 sa 4,8	*sal-31 ta' Diċembru 2010*	– 41,3 sakemm dawk it-tekniki biex itaffu l-interferenza totali jiġu applikati li jipprovdu tal-anqas prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fl-istandards armonizzati adottati skont id-Direttiva 1999/5/KE, jeħtieġ li jintużaw. Dawn jirrikjedu trażmettitur b'kontroll tal-qawwa (TPC) b'firxa ta' 12 dB tal-anqas. – 53,3 (inkella)
	wara l-31 ta' Diċembru 2010	– 70,0
6,0 sa 8,5		– 41,3 sakemm dawk it-tekniki biex itaffu l-interferenza totali jiġu applikati li jipprovdu tal-anqas prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fl-istandards armonizzati adottati skont id-Direttiva 1999/5/KE, jeħtieġ li jintużaw. Dawn jirrikjedu trażmettitur b'kontroll tal-qawwa (TPC) b'firxa ta' 12 dB tal-anqas. – 53,3 (inkella)

1.3.2. *Tekniki ta taffija xierqa f'vetturi tat-triq u fuq il-ferrovija*

It-tħaddim ta' apparat li juża' t-teknoloġija ultra-wideband f'vetturi fit-triq u ferrovjarji għandu jkun awtorizzat ma' limiti ta' e.i.r.p. oħrajn barra minn dawk imsemmijin fit-Taqsima 1.3.1 meta jiġu applikati tekniki ta' taffija kif deskritt fl-Istandards Armonizzati adottati skont id-Direttiva 1999/5/KE jew tekniki ta' taffija oħra bil-kundizzjoni li jilħaq mill-inqas livell ta' protezzjoni ekwivalenti għal dak provdut mill-limiti tat-tabelli preċedenti. Huwa preżunt li t-tekniki ta' taffija li ġejjin jipprovdu tali protezzjoni:

1.3.2.1. Taffija ta' 'Ċiklu ta' ħidma baxxa)' (LDC)

It-tħaddim ta' apparat li juża teknoloġija ultra-wideband f'vetturi fit-triq u ferrovjarji li japplika teknika ta' taffija ta' LCD fil- firxa ta' 3,1 - 4,8 GHz kif deskritt fit-taqsima 1.2.1, għandu jitħalla bl-istess limiti ta e.i.r.p. kif deskritt f'dik it-Taqsima 1.2.1. Il-limiti ta' e.i.r.p. msemmija fit-Taqsima 1.1 għandhom japplikaw għal firxiet ta' frekwenzi oħrajn.

1.3.2.2. Taffija f'Rilevament u Evitar' (DAA)

It-tħaddim ta' apparat li juża teknoloġija ultra-wideband f'vetturi fit-triq u ferrovjarji li japplika teknika ta' taffija ta' DAA fil-firxiet ta' 3,1-4,8 GHz u ta' 8,5-9,0 GHz għandu jitħalla bl-limitu ta' e.i.r.p ta'-41,3 dBm/MHz sakemm tekniki li jtaffu l-intereferenza jiġu applikati li jipprovdu tal-anqas prestazzjoni ekwivalenti bħat-tekniki deskritti fl-istandards armonizzati adottati skont id-Direttiva 1999/5/KE. Dawn jirrikjedu trażmettitur b'kontroll tal-qawwa (TPC) b'firxa ta' 12 dB tal-anqas. F'każijiet oħra japplika limitu ta' e.i.r.p.ta' -53,3 dBm/MHz.

2. UŻU SPEĊIFIKU TAL-UWB

Sinjali li huma rradjati fl-arja li ma jaqbżux il-limiti fit-tabella hawn taħt għandhom jitħallew.

2.1. Analiżi tal-Materjal tal-Bini (BMA)

Firxa ta' Frekwenzi (MHz)	Massimu tad-densità medja tal-e.i.r.p. (dBm/MHz)	Massimu tal-ogħla densità tal-e.i.r.p. (dBm/50 MHz)
Anqas minn 1 730	– 85	– 45
1 730 sa 2 200	– 65	– 25

Firxa ta' Frekwenzi (MHz)	Massimu tad-densità medja tal-e.i.r.p. (dBm/MHz)	Massimu tal-oġħla densità tal-e.i.r.p. (dBm/50 MHz)
2 200 sa 2 500	– 50	– 10
2 500 sa 2 690	– 65	– 25
2 690 sa 2 700	– 55	– 15
2 700 sa 3 400	– 82	– 42
3 400 sa 4 800	– 50	– 10
4 800 sa 5 000	– 55	– 15
5 000 sa 8 000	– 50	– 10
8 000 sa 8 500	– 70	– 30
'il fuq minn 8 500	– 85	– 45

L-apparat tal-BMA li juża tekniki ta' taffija li jipprovdu tal-anqas prestazzjoni ekwivalenti bħat-tekniki deskritti fl-istandards armonizzati rilevanti adottati skont id-Direttiva 1999/5/KE, huwa awtorizzat li jaħdem fil-firxiet ta' frekwenza 1,215 sa 1,73 GHz, b'densità ta' e.i.r.p. medja massima ta' - 70 dBm/MHz, u f'firxiet ta' frekwenzi ta 2,5 sa 2,69 GHz u 2,7 sa 3,4 GHz b'densità ta' medja massima ta' - 50 dBm/MHz bil-kundizzjoni li jintlaħaq livell ta' protezzjoni tal-anqas ekwivalenti bħal dak provdut mil-limiti tat-tabella hawn fuq.

Sabiex ikunu protetti s-Servizzi tar-Radjuastronomija; fil-firxa ta' frekwenza ta' 2,69 GHz sa 2,70 GHz u fil-firxa ta' frekwenza 4,8 sa 5,0 GHz; id-densità totali ta' potenza rradjata għandha tkun taħt — 65 dBm/MHz kif deskritt fl-Istandards Armonizzati relevanti adottati skont id-Direttiva 1999/5/KE."